MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 270/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Borg talli fix-xahar ta' Mejju 2006 meta hekk ordnat b'digriet moghti mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja naqas li jaghti lil martu Mariella Borg l-manteniment ta' Lm247 liema manteniment jithallas b'xahar bil-quddiem kull 29 tax-xahar u dan skond digriet precedenti nru. 1659/2003 u aktar talli b'hekk sar recediv b'sentenza tal-Qorti moghtija fil-21 ta' Marzu 2006 mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Lulju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Patrick Borg hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal termimu ta' detenzjoni ghal zmien xahar (1);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Patrick Borg ipprezentat fis-27 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija, jew piena, u subordinatament, f'kaz illi t-talba surriferita tigi respinta/michuda, tirriforma s-sentenza appellata billi minflok il-piena karcerarja ta' xahar detenzjoni, tvarja, tbiddel u timmodifika l-piena billi tinfliggi kwalsiasi piena ohra mhux karcerarja li jidrilha xierqa, idoneja u gusta jew taghti kull provvediment iehor li jkun jirrispekkja l-haqq u l-gustizzja li trid issir ma' l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-eccezzjoni imqajma minn Dott. Edward Gatt ghall-appellant fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2006 fis-sens li ghandu jigi lliberat mill-imputazzjonijiet ghax id-digriet originali li permezz tieghu nharget l-imputazzjoni odjerna ma jiffurmax parti minn dawn l-atti;

Rat it-twegiba ta' Dott. Aaron Bugeja ghall-appellat li minn qari akkurat tar-rikors ta' appell dak li qed jigi lamentat mill-appellant seduta stante ma jirrizultax;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tas-17 ta' Novembru 2006 li permezz taghha l-imsemmija eccezzjoni giet michuda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-manteniment illi huwa ghandu jhallas huwa ta' Lm150 u mhux ta' Lm247 peress illi d-differenza ta' Lm97 huwa dovut unikament ghal *"school fees"* (2) mhuwiex recidiv

peress illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta' Marzu 2006 ma sabitux hati tal-fatt illi ma hallasx l-i*school fees*; (3) minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena hija eccessiva u sproporzjonata.

Kwantu ghall-ewwel aggravju jirrizulta illi b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Ottubru 2003, l-appellant kien gie ordnat illi jhallas lil martu Mariella Borg is-somma ta' Lm150 bhala manteniment, kwantu ghal Lm100 ghall-minuri Dunskie u kwantu ghal Lm50 ghaliha. Kwantu ghall-mizati ta' l-iskola, huwa utili li jigi riprodott is-segwenti paragrafu mir-rikors li l-imsemmija Mariella Borg ipprezentat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-1 ta' Dicembru 2005:

"2.Illi ghal riferenza aktar facli, l-esponenti tirrikapitola fil-qosor l-isfond: illi b'digriet tat-18 ta' Jannar 2005, Dok. 'B', din il-Qorti laqghet parzjalment it-talba attrici u ordnat lill-intimat Patrick Borg ihallas il-mizati ta' l-iskola; illi in segwitu ghal diffikolta` li sabet l-esponenti fil-proceduri kriminali, l-esponenti talbet kjarifika lil din il-Qorti u b'digriet tad-9 ta' Gunju 2005, din il-Qorti statwit hekk: 'Tikkonferma r-rati ta' manteniment kif inhu attwali kif ukoll l-ordni taghha li l-konvenut ihallas il-mizati ta' l-iskola skond l-istess talbiet fir-rikors, liema ordni hija ovvjament parti mill-manteniment ta' l-ulied', Dok. 'C'."

Fit-tmien paragrafu ta' l-istess rikors, ir-rikorrenti Mariella Borg imbaghad qalet hekk:

"8. Illi l-esponenti qed titlob is-somma mitejn sebgha u erbghin Lira Maltin (Lm247) rappresentanti mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) manteniment ghall-attrici proprio et nomine skond digriet numru 1659/2003 Dok F u sebgha u disghin Lira (Lm97) mizati ta' l-iskola u spejjez ohrajn konnessi ma' l-edukazzjoni tal-minorenni Dunskie, li jithallsu dejjem fix-xahar."

U ghaddiet biex titlob lil dik il-Qorti biex "ticcara l-ordni taghha, kif diga` dekretat li l-intimat konvenut ihallas lill-attrici proprio et nomine s-somma ta' mitejn u sebgha u erbghin Lira (Lm247) fix-xahar manteniment" kif ukoll biex

jigi kkundannat ihallas arretrati ta' mizati ta' l-iskola. Permezz tad-digriet taghha tat-2 ta' Jannar 2006, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) laqghet it-talbiet fit-termini taghhom wara li rat ir-rikors u rat li l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta.

Jigifieri s-somma ta' Lm247 mhijiex somma li giet stabbilita bhala manteniment bid-digriet numru 1659/2003 <u>kif gie akkuzat l-appellant</u>. B'dak id-digriet huwa gie kkundannat ihallas Lm150 fix-xahar liema somma, ghax-xahar ta' Mejju 2006, thallset kif xehdet mart l-appellant stess, ghalkemm fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Kwantu ghat-tieni aggravju, dan huwa fieragh peress illi bis-sentenza tal-21 ta' Marzu 2006 l-appellant instab hati li ma hallasx il-manteniment ghax-xahar ta' Frar 2006 – l-ammont huwa rrilevanti.

Kwantu ghall-piena, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Fil-kaz in ezami ghandu jigi kkunsidrat illi l-appellant hallas is-somma komplessiva ta' Lm247 fil-mori tal-kawza u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha kwantu ghall-htija b'dan illi l-ammont ta' manteniment skond id-digriet 1659/2003 huwa ta' Lm150 u mhux ta' Lm247, izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal detenzjoni ghal perijodu ta' xahar u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u

ghoxrin liri Maltin (Lm25) liema somma tigi konvertita f'hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------